

## Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (ĠU L 157, p. 45 u — rettifika — ĠU L 195, p. 16).

## Dispożittiv

- 1) Billi ma adottax, fit-terminu previst, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt din id-direttiva.
- 2) Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu huwa kkundannat għall-ispejjeż.

## Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tas-26 ta' Frar 2008 — Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu

(Kawża C-273/07)

“Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2005/51/KE — Kuntratti  
pubbliċi — Proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi”

1. *Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Eżami tal-fondatezza mill-Qorti tal-Ġustizzja — Sitwazzjoni li għandha tittieħed in kunsiderazzjoni — Sitwazzjoni fl-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata (Artikolu 226 KE) (ara l-punt 9)*

2. *Stati Membri — Obbligi — Implementazzjoni tad-direttivi — Nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Ġustifikazzjoni bbażata fuq is-sistema interna — Inammissibbiltà (Artikolu 226 KE) (ara l-punt 10)*

### **Suġġett**

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/51/KE, tas-7 ta' Settembru 2005, li temenda l-Anness XX tad-Direttiva 2004/17/KE u l-Anness VIII tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ix-xiri pubbliku (ĠU L 257, p. 127).

### **Dispożittiv**

- 1) Billi ma adottax il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/51/KE, tas-7 ta' Settembru 2005, li temenda l-Anness XX tad-Direttiva 2004/17/KE u l-Anness VIII tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ix-xiri pubbliku, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt din id-direttiva.
- 2) Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu huwa kkundannat għall-ispejjeż.

### **Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-28 ta' Frar 2008 — Neirinck vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-17/07 P)**

“Appell — Servizz pubbliku — Membru tal-persunal temporanju — Membru tal-persunal bil-kuntratt — Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika fi Brussell (UIB) — Proċedura ta' reklutaġġ — Ċaħda ta' kandidatura — Rikors għal annullament — Rikors għad-danni”